MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 873/2007

**Michael Attard Limited (C 32362)**

**vs**

**Lee Nathan Mayne**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta’ elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€1625.79) ekwivalenti ghal Lm697.95 mill-konvenut, rapprezentanti import ta’ sitt kambjali skaduti u accettati u ffirmati mill-intimat.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data ta` l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra mill-atti li l-konvenut b'numru tal-Karta ta` l-identita' 0027771 A baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-7 ta' Lulju, 2008 minn Robert Galea u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------